L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Gimgha, 16 ta' April, 2021** fid-09:30 a.m. fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehret Dr. Therese Comodini Cachia ghall-familja.

Deher Dr. Chris Soler ghall-Avukat tal-Istat.

**Xehed Spettur Joseph Mercieca** bil-Malti u bil-gurament u bil-maghluq.

Il-Bord wara li sema' ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca rigward it-talba tieghu ghal kopja tax-xhieda li kien ta Keith Schembri bil-maghluq fl-14 ta Dicembru 2020; Wara illi ra illi din ix-xhieda mhijiex rilevanti ghall-erba' punti illi semma' l-Ispettur Mercieca jkun opportun illi din ix-xhieda zzomm l-istatus taghha u tibqa' bil-maghuq. Il-Bord pero' jzomm id-dritt illi jevalwa kwalunkwe talba ghall-kopji ta' xhieda moghtija bil-maghluq skont it-Termini ta' Riferenza lilu moghtija.

Il-Bord wara li ra li ghad hemm min ghandu interess li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet, jestendi dan it-terminu sal-15 ta' Mejju 2021 bl-intendiment car li dina ser tkun l-ahhar estensjoni ta' din ix-xorta.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta